MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 409/2014

**AB**

**vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, wara li ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fis-sitta (6) ta' Settembu tas-sena elf disa' mija tlieta u tmenin (1983) fil-Knisja ta' Santa Teresa, Bormla u z-zwieg taghhom gie registrat bl-Att taz-Zwieg numru 1673/1983 (Dokument "A");

Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tlett itfal, KB, illum ta' tletin sena, VB, illum ta' tmienja u ghoxrin sena u Kelvin John, illum ta' tnejn u ghoxrin sena. Illum it-tfal huma kollha maggorenni u kollha ghandhom impjieg fiss u jaqalghu l-ghixien taghhom;

Illi z-zwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment u l-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt datat 12 ta' Gunju 1998 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone (Dokument "B"). Ghalhekk il-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar minn 16-il sena;

Illi in forza tal-imsemmi kuntratt il-kontendenti ftehmu li ma jghaddux manteniment lil xulxin, la ghalihom u lanqas ghal uliedhom, u dan peress li t-tnejn kienu dizokkupati;

Illi f'kull kaz ma hemm ebda prospett ghal rikonciljazzjoni bejn l-esponenti;

Illi ghalhekk jezistu l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghad-divorzju bejn il-partijiet ai termini tal-artikolu 66B tal-Kodici Civili;

Talbet li prevja kull dikjarazzjoni ohra li tista tirrizulta mehtiega li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandix tordna l-hall taz-zwieg bejn il-kontendenti registrat bl-Att taz-Zwieg numru 1673/1983 ai termini tal-artikolu 66A tal-Kodici Civili u konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Qrati Civili javza b'dan kollu lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li ghandu jipprocedi ghar-registrazzjoni tal-istess;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Ottubru, 2014;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta, izda deher ghas-seduta u iddikjara illi ma kellu ebda oggezzjoni illi jintlaqghu it-talbiet tar-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Gunju 1998 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------